MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 891/2010

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**John u Jacqueline mizzewgin Farrugia K.I numri 605564M u 124166M.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Bank of Valletta datat 7 ta’ Settembru 2010 fejn Romuald Attard (K.I. nru. 644756 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta` attrici jikkonferma:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’erba’ kuntratti datati, wiehed minnhom 15 ta’ Mejju 1998 in atti Nutar Dottor Carmel Martinelli (Dok. “A”), iehor datat 28 ta’

Ottubbru 1998, in atti Nutar Dottor Anthony Abela (Dok. “B”), iehor datat 22 ta’ Marzu 2001, in atti Nutar Dottor Anthony Abela (Dok. “C”) u l-iehor datat 29 ta’ Novembru 2005, in atti Nutar Dottor Carmel Martinelli, (Dok. “D”), is-socjeta’ attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil John u Jacqueline mizzewgin Farrugia.

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ John u Jacqueline mizzewgin Farrugia fis-somma ta’ mija u ghoxrin elf, hames mija u tlieta u sebghin ewro u disghin centezmu (€120,573.90) bilanc ghad-debitu fil-*”Loan u Overdraft Accounts”* ta’ John u Jacqueline mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E 1” sa “E 4”, Dok. “F 1” sa “F 2”, Dok. “G 1” sa “G 9” u Dok. “H”) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta’ Lulju 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u esibiti bhala Dokumenti “A”, “B”, “C” u “D”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi John u Jacqueline mizzewgin Farrugia.

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess John u Jacqueline mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi l-konvenuti John u Jacqueline mizzewgin Farrugia gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 13 ta’ Mejju 2009, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok “T”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvediment opportuni, jghidu l-konvenuti

ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' it-talbiet tas-socjeta` attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tidddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u esebita bhala dokumenti "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi John u Jacqueline mizzewgin Farrugia:

a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti;

b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u /jew;

c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess John u Jacqueline mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u:

2. Tikkundanna lil John u Jacqueline mizzewgin Farrugia jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u ghoxrin elf, hames mija u tlieta u sebghin ewro u disghin centezmu (€120,573.90) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' John u Jacqueline mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "E1" sa "E4", Dok "F 1" sa Dok "F 2", Dok "G 1" sa "G 9" u Dok "H") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-7 ta' Lulju 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Mejju 2009 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru gahs-subizzjopni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jipprezentaw risposta u hekk baqghu kontumaci.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Semghet l-Avukat tas-socjeta` rikorrenti.

Ezaminat l-atti tar-rikors.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-intimati tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------